# Il-Festi tal-Patruni qaddisin tagħna



Christopher Bartolo
*Sagristan*

Nistgħu ngħidu li resqin bil-mod il-mod lejn it-tmiem ta' l-istaġun tal-festi. Barra l-festa tal-parroċċa tagħna, li tfakkarna fit-twelid tal-Verġni Marija – li tkun iċċelebrata fi tliet parroċċi oħra, dawk ta' l-Isla, tan-Naxxar u tax-Xagħra f'Għawdex – ikun baqa' biss il-festa tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa Ħaż-Żabbar u l-festa ddedikata lil San Leonardu li ssir 'Ħal Kirkop.

Fuq il-festi, hemm min jifhimha mod u hemm min jifhimha mod ieħor. Issib min għandu opinjonijiet differenti fuq il-festi. Hemm min jgħid li huma sbieħ u huwa żmien tajjeb li fih jista' jsir ħafna ġid u li għandna nkomplu ntejbuhom u nsebbħuhom u hemm min jgħid l-oppost. Tajjeb li wieħed jirrifletti ftit fuq xi mistoqsijiet li ħafna nies isaqsu rigward il-festi, bħal:

- Għadhom żmienhom il-festi?
- In-nies għadhom iriduhom il-festi?
- X'ġid qegħdin iħallu l-festi?

Huma mistoqsijiet li tajjeb wieħed jaħseb ftit fuqhom u jagħti kashom u ta' x'qegħdin jaħsbu n-nies, speċjalment fiċ-ċirkustanzi tal-lum. Bħala sagristan, jien għandi esperjenza ta' 31 sena naħdem u nagħti s-servizz tiegħi fil-knisja. Ta' kull sena, jien nattendi u nseqwi l-funzjonijiet li jsiru fil-knisja matul il-ġranet tal-festa. Anke nattendi għal ħafna mill-attivitajiet li jsiru barra mill-knisja.

Niftakar sewwa l-festi mill-1976 'l hawn, u nista' ngħid li l-esperjenzi ta' dawn il-festi kienu pożittivi ħafna. Fl-1976, il-festa tar-raħal kienet diġà sabiħa u organizzata tajjeb, kemm bħala funzjonijiet fil-knisja,kif ukoll fejn jidħlu attivitajiet ta' barra. Dak iż-żmien,il-Kappillan dun Ġużepp Schembri, minn xhur qabel, kien jieħu ħsieb jistieden l-aqwa predikaturi, kemm għan-noveni kif ukoll għall-paniġierku. Imbagħad ma nistax ma nsemmix il-mużika sagra tal-kompożituri Ferdinando u ibnu Ġużeppi Camilleri bil-vuċijiet tat-tenuri, tal-baritoni u tal-baxxi. Din il-mużika kienet tkompli żżid is-solennità li titlob festa titulari. L-attendenza kienet tkun numeruża ferm f'dak iż-żmien u l-komunità tal-parroċċa kienet tkun ferħana u sodisfatta bil-festi li jkunu saru.

Il-festi esterni, fl-antik, kienu jkunu mifruxa fuq tliet ijiem biss. Iż-żewġ baned tagħna kienu jkunu ferm attivi matul dawn il-ġranet bid-daqq ta' marċi brijużi matul it-toroq tar-raħal. Imbagħad, lejliet u nhar il-festa kienu jsemmgħulna dawk l-innijiet tant egħżież għalina l-Melleħin.



Il-festi Maltin illum żdiedu u ssaħħew mhux ħażin. F'dawn iż-żminijiet, tara ħafna nies minn postijiet differenti jmorru fl-ibliet u fl-irħula tagħna għall-festi li jkunu qegħdin jiġu ċċelebrati hemmhekk. B'xorti tajba, il-Maltin ma jfittxux biss id-divertiment tal-festi esterni, iżda jattendu wkoll għall-attivitajiet li jsiru fil-knisja wkoll. Barra minn hekk, illum ħafna minn dawn il-festi qegħdin ikunu



trasmessi dirett fuq l-istazzjonijiet Maltin tat-televiżjoni. Minn dawn it-trasmissjonijiet, nistgħu naraw kemm iż-żgħażagħ Maltin għadhom jaħdmu u jieħdu sehem attiv ħafna f'dawn il-festi. Huwa ċar li l-festi tal-Patruni Qaddisin għadhom u ser jibqgħu għall-qalb il-ġens Malti. In-nies għadhom ifittxuhom il-festi u għalhekk wieħed jista' jgħid li l-festi għad baqa' żmienhom.

Għall-mistoqsija jekk in-nies għadhomx iriduhom il-festi, wieħed jista' jwieġeb li mill-ħafna preparazzjonijiet li jagħmlu n-nies malajr tirrealizza kemm ħeġġa jkollhom biex jiċċelebraw il-festa tar-raħal b'mod xieraq. Ħafna nies tarahom jgħinu fl-armar fil-knisja u oħrajn jgħinu fl-armar tal-pjazez u t-toroq. Ma jonqsux il-preparazzjonijiet li jsiru fid-djar, fosthom l-ikla tradizzjonali ta' nhar il-festa f'nofs-in-nhar. Niftakar lill ommi Mikelina, għall-festa tal-Vitorja, kienet tixtri dulliegħa kbira biex titqassam bejn ħuti kollha.

Imma fuq kollox, dawn il-festi qegħdin iħallu xi ġid spiritwali? Bla tlaqliq ta' xejn, il-festi tagħna, minkejja xi problemi 'l hawn u 'l hemm li jistgħu joħolqu, qegħdin iħallu ħafna ġid. Il-Kappillani, flimkien mal-Kunsilli Parrokkjali u ħafna kummissjonijiet oħra, jaħdmu kemm jifilħu sabiex jippreparaw programm ta' attivitajiet reliġjużi li kemm jista' jkun jolqtu lil kull sezzjoni tal-poplu.

Matul il-ġranet tal-festa tara ħafna nies jersqu lejn is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni – is-sagrament tant sabiħ tal-Qrar, kif ukoll ħafna nies jersqu għat-Tqarbin. Fil-quddiesa li ssir fil-jum iddedikat għall-anzjani, l-anzjani jiġu mistiedna biex jiltaqgħu ma' anzjani oħra tal-parroċċa sabiex jkunu preżenti u jgawdu ftit il-festa u fl-istess ħin jirċevu s-Sagrament tal-Griżma tal-morda, li jgħinhom spiritwalment.

Daż-żmien, daħlet drawwa ferm sabieħa, li matul il-ġranet tal-festa, kull komunità – inkluża tagħna – tiġbor donazzjonijiet li mbagħad jingħataw lil xi istitut jew lil xi familji tal-post, li jkunu fil-bżonn. Bħalma jiġri fi żmien il-Milied, għall-okkażjoni tal-festa, ħafna familji jinġabru u jiltaqgħu sabiex jiċċelebraw il-festa flimkien.

Oħrajn jieħdu l-okkażjoni tal-festa sabiex jerġgħu jingħaqdu wara li jkunu għamlu xi żmien mifrudin minħabba xi tilwim jew xi differenzi oħra. Għal ħafna emigranti, il-festa hija okkażjoni sabiħa sabiex jiġu jżuru lil qrabathom f'Malta. Jalla dawn il-mumenti ta' manifestazzjoni jkomplu jsaħħuna u jagħmluna iktar insara kif dejjem għamlu l-Qaddisin Patruni tagħna, sabiex xi darba, aħna wkoll ningħaqdu magħhom fil-glorja tal-Ġenna.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-President, is-sur Joseph Bartolo u l-Kumitat tas-Soċjetà Mużikali "Imperial" ta' l-istedina li reġgħu għamluli sabiex nikteb dan l-artiklu fil-ktejjeb ta' tifkira li tant ikun apprezzat mill-komunità Melliħija u anke mill-emigranti Melleħin.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

